# "Tibżax, biss inti emmen"
# Adorazzjoni Ewkaristika
# marbuta mat-Tlettax-il Ħadd ta' Matul is-Sena B
# Lulju 2024

## Innu għal waqt l-Espożizzjoni

### Viżta lil Ġesù Ewkaristija

Agħti widen għat-talb tagħna,
Kristu, Sid ta' tjieba w ħniena:
tħalli qatt is-sħab tal-ħażen
ta' din l-art jgħattilna l-fidi.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Jaħrab fis kull ħsieb mhux xieraq
minn ġo moħħna, u 'l ħadd ma nonqsu;
għaqda w sliem isaltnu fostna
jekk bil-ġid inħallsu d-deni.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Tkun nadifa w safja qalbna
mit-tkabbir, mill-qerq u l-korla;
b'ħeġġa mqaddsa negħlbu x-xeħħa,
li hi l-għerq tal-ħażen kollu.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Tkun bla wċuħ l-imħabba tagħna
lejn xulxin, għax ilkoll aħwa;
ngħixu dejjem f'rabta sħiħa,
bil-fiduċja u fehma safja.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Ġieħ u sebħ għal dejjem, Kristu,
Sultan twajjeb, jintradd lilek,
lill-Missier, u lill-Ispirtu
Difensur u Faraġ tagħna.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

Hekk kif ninsabu fit-Tlettax-il ġimgħa ta' Matul is-Sena, illum se nħallu l-Evanġelju tal-Ħadd li għandna—tat-Tlettax-il Ħadd ta' Matul is-Sena B—jerġa' jdawwalna u jisqina mill-grazzja tiegħu li tista' ġġib fina fejqan u ħajja. F'din il-paġna tal-Evanġelju skont San Mattew, ir-rakkont ilaqqagħna ma' Ġesù li jwieġeb għall-fidi qawwija ta' missier li ma tax kas tal-pożizzjoni tiegħu fil-komunità Lhudija, u jagħmel dik il-qabża li, mit-twemmin f'qawwiet maġiċi jew

superstizzjonijiet, jemmen fil-qawwa tal-Iben ta' Alla. Rakkont li fih insibu minsuġa wkoll il-ġrajja ta' dik il-mara b'fidi hekk qawwija fis-setgħa tal-Mulej li kważi kważi tisraqlu l-grazzja lil dan ir-rabbi li tfaċċa fix-xena mhux ħafna żmien qabel imma li f'għajnejha deher, mhux bħal xi saħħar jew sempliċi mexxej kariżmatiku, imma bħala dak li tassew għandu s-setgħa ta' Alla hekk li ma setax jiċħad it-talba ta' fidi għarwiena li, tant ippruvat minn kollox biex tfieq, li ma kien fadlilha xejn ma' xiex tiggranfa ħlief mat-tarf tal-mantar ta' Alla.

## Innu Ewkaristiku

**Qari mill-Evanġelju skont San Mark** (5, 21-43)
F'dak iż-żmien, wara li Ġesù raġa' qasam bid-dgħajsa għax-xatt l-ieħor, waqt li kien ħdejn il-baħar inġabret madwaru kotra kbira ta' nies. U ġie wieħed mill-kapijiet tas-sinagoga, jismu Ġajru. Dan, malli rah, inxteħet f'riġlejh, u talbu ħafna u qallu: "Binti ż-żgħira waslet fl-aħħar; ejja qiegħed idejk fuqha, ħalli tfiq u tgħix." U Ġesù telaq miegħu, b'kotra kbira miexja warajh, kulħadd iross fuqu.
U kien hemm mara li kienet ilha tnax-il sena sħaħ tbati bit-tnixxija tad-demm. Kienet batiet wisq taħt ħafna tobba, u nefqet kulma kellha, u mhux biss ma swielha xejn, imma talli marret għall-agħar.
Meta semgħet b'Ġesù, ġiet qalb il-folla, resqet minn warajh u messitlu l-mantar, għax qalet: "Jekk immiss imqar il-mantar tiegħu nkun imfejqa". F'daqqa waħda t-tnixxija tad-demm waqfitilha, u ġewwa fiha ħasset li kienet fieqet mill-marda tagħha.
Ġesù minnufih intebaħ bil-qawwa li ħarġet minnu, u dar lejn il-kotra u staqsa: "Min messli l-mantar?" Id-dixxipli tiegħu qalulu: "Qiegħed tara dawn in-nies kollha jrossu madwarek, u tistaqsi: 'Min messni?'" Hu beda jħares madwaru biex jara jilmaħx lil dik li kienet għamlet dan. Imbagħad il-mara, tirtogħod bil-biża' għax għarfet x'kien ġralha, resqet, inxteħtet f'riġlejh u stqarritlu s-sewwa kollu. U qalilha: "Binti, il-fidi tiegħek fejqitek; mur bis-sliem, u kun imfejqa mill-marda tiegħek."
Kif kien għadu jitkellem, waslu xi wħud mid-dar tal-kap tas-sinagoga u lil dan qalulu: "Bintek mietet; għalfejn tħabbtu iżjed l-Imgħallem?". Iżda Ġesù sama' x'kienu qegħdin jgħidu, u qal lill-kap tas-sinagoga: "Tibżax, biss inti emmen." U ma ħalla lil ħadd imur miegħu ħlief lil Pietru, lil Ġakbu, u lil Ġwanni, ħu Ġakbu.
Waslu d-dar tal-kap tas-sinagoga, u ra storbju sħiħ u nies jibku u jixhru. Daħal, u qalilhom: "Dan l-istorbju kollu u dan il-biki għalfejn? It-tfajla mhijiex mejta, imma rieqda." U qabdu jiddieħku bih. Imma hu keċċiehom ilkoll 'il barra, ħa miegħu lil missier it-tfajla u lil ommha u lil dawk li kienu miegħu u daħal fejn kienet it-tfajla. Qabdilha idha, u qalilha: "Talitha, qum!"—jiġifieri: "Tfajla, qiegħed ngħidlek, qum!" Minnufih it-tfajla qamet u qabdet timxi; għax kellha tnax-il sena. U baqgħu miblugħin bil-għaġeb. U hu wissiehom bis-sħiħ biex dan ma jkun jaf bih ħadd, u qalilhom jagħtuha tiekol.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
*R/.* Tifħir lilek, Kristu.

Mulej, aħna wkoll illejla nixtiequ niggranfaw mal-mantar tiegħek bħal dik il-mara sempliċi, marida, fi stat kontinwu ta' impurità ritwali għar-reliġjon Lhudija minħabba l-istess marda. Nixtiequ niggranfaw miegħek bħal Ġajru li talbek biex tmur miegħu ħalli jfejjaq lil bintu għax emmen li saħansitra stajt tagħtiha l-ħajja mill-ġdid anke meta waslet l-aħbar li bintu mietet.
Mantarek, Mulej Ġesù, iwennisna fl-iljieli mudlama, iżommna sħan fil-bard, ifejjaq il-qalb u l-laħam tagħna meta tgħattina bih, jagħtina l-qawwa biex nibqgħu mixjin warajk, l-Imgħallem tagħna, u ma nibżgħux nibqgħu nitolbu b'dik it-tama li hi fidi fil-possibbiltà li niksbu l-grazzja tiegħek, ukoll jekk inħossu li qed neħdulek moħħok jew jekk inħossu li mhux tismagħna u allura niġu ttentati li nieqfu nitolbu. Kieku dik il-mara baqgħet taħsibha, int kont tilħaq tgħaddi u kienet titlef l-aħħar tama li kellha. Kieku Ġajru ta widen għal dawk li ġew mid-dar tiegħu biex jagħtuh l-aħbar ta' mewt bintu, kieku bintu kienet tindifen, u probabbilment kemm Ġajru u kemm martu ma kinux iddumu ma jinżlu fil-qabar warajha bil-għali.
Mulej Ġesù, kemm huma infiniti l-qawwa, il-ħniena, u l-imħabba tiegħek. Imma, jekk verament nemmnu fik, ifisser ukoll li se jkunu ħafna dawk il-mumenti fejn irridu nagħżlu li nibqgħu mixjin b'fiduċja, minkejja li ma nafux fejn se twassalna u tpoġġina r-rieda tiegħek. Li nemmnu fik ifisser li nemmnu f'Alla li hu mħabba. Għalik, m'aħniex persuna oħra mal-lista tat-tallaba jew sempliċiment numru, perċentwal jew statistika. Inti trid tidħol fi djalogu u relazzjoni ta' mħabba ma' kull wieħed u waħda minna, proprju hemmhekk fejn ninsabu l-iktar morda, imweġġgħa, u qalbna maqsuma, sabiex bħalma għamilt ma' dik il-mara turina biċ-ċar li aħna persuni u mhux sempliċiment dellijiet. Turina biċ-ċar li l-qawwa tiegħek li tfejjaq tilħaq ukoll sal-qiegħ tad-dagħbien ta' qalbna u hemmhekk ukoll tfejjaqna u teħlisna minn kull forma ta' jasar. Inti ma tarax biss il-problema li jeħtieġ tissolva, imma tħares iktar fil-fond—fil-qalba ta' qalbna—u twieġeb għal dak li nitkarrbulek bl-istess fiduċja fik li twassalna biex nagħrfu li waħidna m'għandniex il-qawwa, imma int għandek u trid turi din il-qawwa fil-ħajja tagħna skont kemm aħna nħallulek wisa' biex tagħmel dan.

## Innu Ewkaristiku

Mulej Ġesù, dik il-mara tal-Evanġelju kellha toħroġ mid-dwejjaq tas-solitudni tagħha, li kienet tgħallmet tgħix fiha, u tissogra tmissek, lilek li inti s-Safa nnifsu, minkejja li hi kienet kontinwament imniġġsa. Hi rat qawwa fik li l-oħrajn ma rawx hekk li ħassewha redikola l-mistoqsija tiegħek dwar min messlek il-mantar. Anke Ġajru u martu wrew fidi qawwija li aħna wkoll nixtiequ li jkollna: fidi sħiħa u mibnija fuq fiduċja sinċiera fik, hekk li fil-mumenti iebsa u ta' prova għalina u għall-fidi tagħna, bħalma huma l-mard, il-mewt, il-fallimenti, id-diżappunti, in-niket, aħna xorta ma nibżgħux u nibqgħu nemmnu.

Mulej, nafu li forsi dan ma nagħmluhx bl-aħjar mod. Żgur li talbna jista' jkun iktar ħerqan u mimli fidi li tissupera s-superstizzjoni jew sitwazzjoni ta' rikatt miegħek … imma fl-aħħar mill-aħħar li jgħodd huwa l-fiduċja tagħna fik. Għall-kliem li inti għedt lil Ġajru—"Tibżax, biss inti emmen"—aħna wkoll nixtiequ nwarrbu kull biża' li jżommna 'l bogħod minnek. U meta nerġgħu ninħakmu mill-paniku, saħħaħ ir-rieda tagħna sabiex inġeddu l-att tal-fidi tagħna fik, inti li tassew għandek is-setgħa, minkejja li ġieli naqtgħu qalbna minnek u minna nfusna u nintelqu mal-kurrent.
Fakkarna, Mulej, li xejn ma jista' jkun hekk kbir li ma jistax jitfejjaq mill-imħabba infinita tiegħek. Xejn ma jista' jkun daqshekk imdenni li ma jistax jinstamat u jiddewwa bil-ħniena tiegħek. L-ebda ċirkostanza ma tista' tkun daqshekk bla tama li tal-anqas ma nistgħux niggranfaw miegħek biċ-ċertezza li m'aħniex waħidna anke jekk ikollna nġorru slaleb tqal għal diversi snin. Għaldaqstant, hekk kif ninsabu hawn quddiemek, aħna wkoll se nagħżlu li nibqgħu nħabbtuk bit-talb għalina u għall-umanità kollha.

- Saħħaħ il-fidi tal-Poplu tiegħek sabiex tassew jinħeles mill-biża', jemmen fil-qawwa tiegħek, u jaqsam mal-bnedmin kollha l-ferħ u l-fejqan li din il-qawwa tista' ġġib fil-qalb ta' kulħadd. Nitolbu.
- Kun ma' dawk l-Insara li għandhom xi kariga jew pożizzjoni importanti fis-soċjetà sabiex, bħal Ġajru, ma jibżgħux juru li jemmnu fik u jagħmlu għażliet immexxija minn kuxjenza mdawla minnek. Nitolbu.
- Keċċi kull biża' mill-qlub ta' dawk iż-żgħażagħ li qed issejħilhom biex jimxu warajk fil-ħajja saċerdotali, reliġjuża, missjunarja, u lajkali, sabiex b'qalb kbira jilqgħu s-sejħa tiegħek u jimxu warajk. Nitolbu.
- Imla bis-sabar u l-ħlewwa lil dawk li jaħdmu fil-qasam mediku u l-kura tal-morda u l-anzjani sabiex il-preżenza tagħhom tkun waħda ta' tama u fidi anke qalb it-tbatija u l-mard. Nitolbu.
- Battal 'il qalbna minn dak kollu li jxekkilha ħalli ssir talba waħda u safja li kontinwament tinfed is-sħab u tasal f'riġlejn it-tron tal-grazzja fejn int tinsab fuq il-lemin tal-Missier, dejjem ħaj biex tidħol għalina. Nitolbu.

Ilqa', Mulej Ġesù, dan it-talb ħerqan tagħna u ferra' fuq id-dinja l-grazzja tiegħek li tfejjaq u teħles, tagħti l-ħajja u ssostniha. Inti li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

**Barka Sagramentali**